Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 21/2015

**Giulio Antonio Spampinato (ID 0070674A)**
(appellant)

**vs**

**Enetsport Limited (C 51409)**
**u b' digriet tas-27 ta' Ġunju 2018 ġew nominati**
**Dr Noel Cutajar u l-PL Marie Claire Bartolo**
**bħala kuraturi għas-soċjetà Enetsport Ltd**
**u b'digriet ġie ordnat li isem l-intimata jkun jaqra UNIQ Group Limited**
(appellata)

25 ta' Marzu, 2019.

1. Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta' Awissu 2015 li permezz tagħha ġie deċiż li Giulio Antionio Spampinato ma rnexxilux jipprova li tkeċċa nġustament mill-impieg li huwa kellu mas-soċjetà intimata llum appellata.

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Fl-10 ta' Ottubru 2012, permezz tad-dikjarazzjoni tal-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali, l-appellant odjern ippremetta li huwa beda jaħdem mas-soċjetà intimata fit-12 t' April 2012 iżda huwa ingħata kuntratt ta' impieg tlett xhur wara liema kuntratt kien *backdated* għall-ġurnata meta effettivament beda jaħdem. Jgħid li meta iffirma l-imsemmi kuntratt kien għamel hekk bil-konvinċiment li l-istess kuntratt kien jirrifletti l-intendiment oriġinali li kien sar verbalmet mal-appellata, ossija, li l-impieg tiegħu ikun fuq bażi indefinita wara perjodu ta' *probation* ta' tlett xhur. Fl-1 ta' Settembru 2012 huwa ġie nfurmat ħabta u sabta u mingħajr *warning* li kien qiegħed jitkeċċa minn fuq ix-xogħol mingħajr ma ngħata ebda raġuni valida u suffiċjenti. Jgħid li lanqas ma ngħata *notice period* jew

kumpens. Huwa ikkontesta t-temm tal-impieg tiegħu għas-segwenti raġunijiet:

(i) il-prinċipal ma kellux raġuni tajba u suffiċjenti biex jittermina l-impieg tiegħu;
(ii) ġie diskriminat; u
(iii) in ogni caso, it-temm tal-impieg tiegħu sar mingħajr proċeduri ġusti (*fair trial*).

2.2. Talab għalhekk lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddeċiedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu mis-soċjetà intimata kienet waħda inġusta u mhux għal raġuni valida u konsegwentement talab l-istess Tribunal sabiex jordna kumpens xieraq u adegwat.

2.3. Fid-19 ta' Novembru 2012, is-soċjetà intimata wieġbet illi t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda ġusta u suffiċjenti ai termini tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba nuqqasijiet tar-riikorrent appellant li jtella' avvenimenti ta' *sports betting* fuq is-sit tagħha. Tgħid li din ir-raġuni ngħatatlu waqt laqa' ma' Giuseppe Sergi fl-1 ta' Settembru 2012 u li r-reazzjoni tar-rikorrent kienet waħda ta' ammissjoni tant li stqarr li kien nesa' jtella' dawn l-avvenimenti.

2.4. Matul is-smieħ tal-każ instemgħu is-segwenti xhieda:

- **Kevin Mallia**,[1] direttur u key official tal-appellata li fost affarijiet oħra ikkonferma li: il-kuntratt tal-appellant kien *standard form*; ma kienx hu personalment li ta l-struzzjonijiet lill-appellant biex itella' kontenut diġitali fuq is-sit. Ġie infurmat x'ġara minn Marco Succo u Mario Gennaro. Kuntrarjament għall-proċedura solita ma saru l-ebda diskussjonijiet miegħu qabel ma ġie mitmum l-impieg tal-appellant; huwa ma kiex preżenti meta ntemm l-impieg tal-appellant għaliex x'ħin wasal l-uffiċċju kien diġa telaq. Il-kontenut diġitali li allegatament kellu jiġi *uploaded* mill-appellant sar minn ħaddieħor u l-kumpannija rreġistrat *profit* ta' madwar €4,000 fuq il-*bets* relattivi;

- **Giuseppe Sergi**,[2] responsabbli tall-i*sports trading department.* Jgħid li: kien hu li spjega lill-appellant li ċertu *live events* kellhom jiġu *uploaded* fuq is-sit tal-kumpannija; l-metodu ta' kif kellha tiġi nserita

[1] Fol. 26 – 37.
[2] Fol. 43 – 53.

din id-*data* kien wieħed ġdid; għamel dan verbalment u anke bil-miktub permezz ta' *post it* li waħħal mal-*monitor* tal-kompjuter tiegħu; bil-lejl il-*manager* tiegħu kien infurmah li dan is-servizz *live* ma kienx qiegħed jaħdem sew; l-għada staqsa lill-appellant x'kien ġara u jgħid li l-appellant kien qallu li ma kienx qagħad attent u nesa' jtella' dan is-servizz partikolari; huwa ma kienx preżenti meta l-impieg tal-appellant ġie terminat iżda meta l-appellant mar ikellem lill-*manager* huwa kien mar miegħu u dan ta' l-aħħar kien spjegalu l-importanza ta' dak li kien naqas li jagħmel;

- **Marco Succo,**[3] l-amministratur tal-kumpannija. *Inter alia* xehed illi: l-appellant naqas itella' xi *events* fuq is-sit; l-istess *events* kienu ġew *uploaded* aktar tard dak il-lejl; l-għada ikkonfrontah iżda l-appellat ried ikellem direttament lil Mario, ossija l-*general manager* li kien ħa d-deċiżjoni li jitterminalu l-impieg u fost affarijiet oħra qallu li '*his dismissal was being performed in mafia style';* hu ma kienx involut f'din id-deċiżjoni; xehed ukoll li l-ebda kuntratt ta' mpieg mal-kumpannija ma kien għal perjodu indefinit – ikun hemm perjodu ta' prova li jiġi mġedded awtomatikament sakemm ma jiġi deċiż li jsir għal perjodu indefinit;

- **Francesco Papallo**,[4] li jaħdem fuq *odds risk*, l-istess xogħol tal-appellant. Xehed li f'Awissu Giuseppe Sergi kien bagħat struzzjonijiet lill-kulħadd b'*email* ta' kif għandu jsir ix-xogħol peress li kienet żdiedet il-proċedura biex jitjieb is-servizz; kienet proċedura normali li direzzjoni tintbagħat b' *email;*

- **Mario Gennaro**,[5] xehed li: l-kumpannija xrtatt pakkett ta' 6,000 *live events* versu l-prezz ta' €50,000 fix-xahar li kellhom jiġu *uploaded* fil-ħin allokat; l-appellant kellu l-aħħar *shift* u kellu jtella' l-*events* mid-9:00 ta' filgħaxija sal-għada filgħodu iżda kien naqas li jagħmel dan, liema nuqqas huwa jirreputah gravi ħafna; kien hu li eventwalment nduna li l-appellant ma kienx tella' dawn il-*live events* fuq is-sit u għalhekk kien għamel dan hu stess; dak il-ħin ċempel lil Ġiuseppe Sergi u ordna li jintemm l-impieg tal-appellant; l-għada l-appellat kien ġie infurmat verbalment mill-*head of section* tiegħu li l-impieg tiegħu ġie mitmum u mar jaffrontah fl-uffiċċju tiegħu; ammetta miegħu li

[3] Fol. 55 – 67.
[4] Fol. 76 – 85.
[5] Fol. 103 – 114.

kien nesa' jtella' dawk l-*events* liema skuża huwa ma rreputax aċċettabbli għaliex id-dannu lill-kumpannija kien sar; ippreċiża li l-kumpannija ma ġarrbitx telf għaliex kien intervjena hu; ikkonferma ukoll li huwa ma kienx kellem lill-appellant qabel ma ħa d-deċiżjoni li jtemmlu l-impieg iżda kien kellem lil Giuseppe Sergi li kien qallu li l-proċedura kienet ġiet spjegata sew lill-appellat; filfatt, l-għada l-appellat kien qallu biss li ma kienx tella' l-*events* għax nesa u ebda raġuni oħra;

- **Giulio Antonio Spampinato**,[6] l-appellant xehed li: beda jaħdem mal-appellata fit-12 t'April 2012 bħala *odds compiler trader;* fl-*interview* kien fehem li x-xogħol kien għal żmien indefinit b'3 xhur *probation;* qabel kellu xogħol ieħor u ma kienx jitlaq kieku ma ġiex offrut lilu kuntratt indefinit; wara 3 xhur ingħata kuntratt tramite s-segretarja; talab li jieħdu miegħu d-dar iżda talbitu biex jiffirmaħ *then and there* u hekk għamel; qrah dak il-ħin iżda kien konvit li l-kuntratt kien għal żmien indefinit u s-segretarja ma qaltlux il-kontra. Intebaħ li ma kienx il-każ meta rċieva l-ittra ta' terminazzjoni tal-mpieg tramite s-segretarja Serena Parvenza, fejn ingħad li l-perjodu ta' *probation* tiegħu kien ġie estiż għal 4 xhur u għalhekk kellhom biss jagħtuh *notice* ta' ġimgħa; huwa ma qabilx ma l-imsemmija ittra u ma ffirmaħhiex. Xehed li fil-31 t'Awissu kien beda x-*shift* tiegħu fit-3:30 ta' wara nofsinhar; kollega tiegħu fl-istess rang tiegħu, Giuseppe Sergi, kien kellmu ta' maljar u qallu jtella' xi logħob fuq il-*website* qabel ma jitlaq' – kitiblu x' kellu jagħmel fuq *post it;* iżda f'nofs il-lejl il-*post it* ma setgħax isibha u peress li l-proċedura tal-kumpannija kienet kuntrarja għal dak li kien ġie mitlub jagħmel mill-kollega tiegħu, in kwantu fis-26 t'Awissu 2016 Mario Gennaro kien bagħtilhom *email* javżahom li ma kellhomx imissu l-logħob ta' *live betting,* huwa żamm mal-istruzzjonijiet li kien ingħata fis-26 t'Awissu 2016*;* huwa ma kkuntattja l-ħadd dak il-ħin għalkemm kieku ried seta'; effettivament kien Mario Gennaro li tella' l-logħob fuq is-sit; l-għada sab il-*post it* mal-art iżda ftit wara s-segretarja għaddietlu l-ittra ta' tmiem ta' impieg mingħajr ħadd mill-*management* ma kien kellmu; dan kuntrarjament għall-proċedura li kellha tiġi segwita. Qatt ma kien qala' *warning* kemm dam impjegat mal-appellata anzi b' email datata 8 t' Awissu l-*manager* kien faħħar xogħolu. Il-persuna li kienet tatu l-*post it* ma sofriet l-ebda konsegwenzi. Sussegwentment kien ikkomunika mal-ETC li ma kellhom ebda dokumentazzjoni dwar l-impieg tiegħu.

[6] Fol. 134 – 156.

Huwa kien jaqla' €27,000 *gross* fis-sena. Dam 3 xhur u nofs biex sab impieg ieħor. In kontro-eżami,[7] sostanzjalment tenna l-istess verżjoni;

- **Simon Bugeja** xehed permezz ta' affidavit[8] li huwa kien preżenti fil-laqgħa li kellu l-appellant mas-soċjetà appellata qabel ma ġie ngaġġat magħha u f'dik l-lokkażjoni ma ssemmiex li l-ingaġġ tal-appellant kien fuq *definite basis*. Jgħid li dak iż-żmien anké hu kien impjegat tal-intimata u l-intendiment tiegħu kien ukoll li kien impjegat għal perjodu indefinit sakemm ġimgħat wara ngħata l-kuntratt u rrealizza li dan ma kienx il-każ. Wara sar jaf li l-bidu u t-tmiem tal-impieg tiegħu ma ġiex reġistrat mal-ETC. Jgħid li d-deċiżjonijiet fil-kumpannija kien joħodhom Mario Gennaro u ma kien hemm ebda struttura fir-realtà. Fost affarijiet oħra, ikkonferma l-kapaċità tal-appellant fix-xogħol tiegħu u li huwa ukoll kien irċieva *email* ftit jiem qabel dan l-inċident li kienet tgħid li Mario Gennaro biss kellu jinserixxi *live matches* mhux it-*traders*. Ma kien rċieva l-ebda komunikazzjoni oħra kuntrarja għal dan l-ordni qabel l-inċident in kwistjoni;

- **Joseph Saliba,[9]** impjegat tal-ETC li qal li l-appellat ġie reġistrat bħala impjegat ta' Uniq Group Limited (172808) mit-12 t' April 2012 sat-8 ta' Settembru 2012. L-*engagement form* waslet għandhom fil-22 ta' Ottubru 2012 u t-*termination form* waslet fl-14 ta' Settembru 2012;[10]

2.5. Ġew ukoll eżebiti s-segwenti provi dokumentarji:

- il-kuntratt ta' mpieg tal-appellant datat 12 ta' April 2012;[11]
- l-ittra li permezz tagħha ntemm l-impieg tal-appellant;[12]
- formoli tal-ETC;[13]
- lista ta' *events*;[14]
- żewġ *emails;*[15]
- *Codice Disciplinare Anno 2012;*[16]
- *employment history* tal-appellant maħruġa mill-ETC;[17]

---

[7] Fol. 230 – 242.
[8] Fol. 159.
[9] Fol. 162 – 170.
[10] Fol. 222 – 228.
[11] Dok. GSI (A) u (B) a fol. 9 – 12.
[12] Dok. GS II a fol. 13.
[13] Dok. AAM 1 a fol. 22 – 25 u Dok. JS2, JS3 u JS4 a fol. 172 – 176.
[14] Dok MG1 a fol. 81 – 102.
[15] Dok GAS1 u Dok GAS2 a fol. 116 – 120.
[16] Dok GAS3 a fol. 121 – 130.
[17] Dok. JS1 a fol. 158.

- kopji ta' estratti mir-Reġistru tas-soċjetajiet tal-kumpannija bin-numru tar-reġistrazzjoni C51409.[18]

2.6. It-Tribunal Industrijali ddeċieda l-każ fl-10 t' Awissu 2015 billi ċaħad it-talbiet tar-rikkorrent abbażi tal-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> *'It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-każ u jibda' biex jgħid li l-aktar ħaġa importanti huwa l-inċident li seħħ dak il-lejl. Jirriżulta ċar illi r-rikorrenti kellu struzzjonijiet minn kollega tiegħu sabiex ipoġġi ossia itella live game ħalli l-klijenti jkunu jistgħu jpoġġu l-bets tagħhom. Jirriżulta li għal xi raġuni l-appellant naqas milli jtella' din il-partita fuq is-sit bil-konsegwenza li ntilef xi betting. Jirriżulta li xi ħadd mid-diretturi saru jafu b' dan in-nuqqas u tellgħu l-logħba fuq is-sit. L-appellant fid-difiża tiegħu qal li kien hemm struzzjonijiet li kellu jkun hemm il-manager li jtella' l-logħob fuq is-sit u għalhekk dan ma kienx xogħolu.*
>
> *It-Tribunal iħoss li l-appellant naqas serjament minn xogħolu meta ma tellgħax il-logħba fuq is-sit. Dak il-ħin kien waħdu ġewwa l-uffiċċju u għalhekk ma kien hemm ħadd li seta' jtella' din il-logħba. Anki jekk kien in-nuqqas tal-impjegat preċedent xorta kellu jtella' l-logħba. Ukoll kellu struzzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll messaġġ żgħir sabiex jagħmel hekk. L-appellant kien bniedem afdat u għalhekk missu tella din il-logħba fuq l-internet.*
>
> *It-Tribunal mhux ser jidħol fil-mod kif tkeċċa għalkemm tħallli ħafna xi t' jgħid kif ukoll għall-fatt li ma kien reġistrat fil-ħin pero dawn il-fatt ma jxekkel xejn mid-deċiżjoni tat-Tribunal li l-aġir tal-appellant ma kientx dik waħda mixtieqa u kien irresponsabbli da parte tiegħi.*
>
> ***Deċiżjoni***
>
> *It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati ra u eżamina d-dokumenti eżebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fati u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jiddikjara li Giulio Antonio Spanpinato ma rnexxilux jipprova li tkeċċa inġustament.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeċiedu billi jiċħad dan l-appell bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.'*

3. Illi minn din is-sentenza appella l-attur, Giulio Antonio Spampinato li talab lil din il-Qorti tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-10 ta' Awissu 2015 u taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tiegħu fis-sens li t-keċċija tiegħu ma kinitx ġusta u suffiċjenti skond il-liġi fid-dawl tal-proċedura ineżistenti li ma tatux *fair trial*. L-aggravju tiegħu huwa:

> *'(i) Illi d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali illi għaraf konsapevolment illi kien hemm nuqqasijiet serji fil-proċeduri li wasslu għat-tkeċċija, partikolarment meta kkonkludiet illi:*

---

[18] Fol. 177 – 221.

*"**It-Tribunal mhux ser jidħol fil-mod kif tkeċċa għalkemm tħalli ħafna xi tgħid** kif ukoll għal fatt illi ma kienx reġistrat fil-ħin."*

*Ma tista qatt twassal għal deċiżjoni loġika tal-istess Tribunal illi t-tkeċċija magħmula b'dan il-mod hija waħda 'ġusta u suffiċjenti' skont il-liġi minħabba l-fatt illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana relatata mal-liġi tal-impieg u r-relazzjonijiet industrijali, kemm fit-Tribunal Industrijali kif ukoll fil-Qrati Superjuri, illi biex tkeċċija tkun ġusta u suffiċjenti skont il-liġi din trid tkun saret b' mod illi jipprova 'fair trial' lill-impjegat.*

*(ii) Illi apparti minn hekk, fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal Industrijali naqas milli jikkonsidra u jieħu konjizzjoni l-evidenza u l-provi ċari mressqa lejh fil-mori tal-kawża meta ta d-deċiżjoni appellata, liema provi kienu kkonfermaw t-teżi u l-argumenti tar-rikorrent illi l-azzjonijiet tiegħu ma wasslu għall-ebda dannu jew telf ta' xogħol għas-soċjetà appellata kif spiċċa jikkonkludi l-Onorabbli Tribunal Industrijali.'*

4. Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Frar 2018, minħabba li rriżulta li l-appellata hija sprovvista minn diretturi u kull tentattiv sabiex tiġi notifikata bl-appell odjern kien inutli, il-Qorti laqgħat it-talba tal-appellant tal-15 ta' Diċembru 2017 għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-kumpannija appellata.

5. Permezz ta' digriet ieħor datat 27 ta' Ġunju 2018, ġew nominati l-Avukat Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi. B'risposta datata 4 ta' Settembru 2018, wieġbu li filwaqt li huma nħatru fil-mori tal-appell u ma għandhom ebda kuntatt mas-soċjetà appellata, id-deċiżjoni appellata: (i) hija ġusta u jistħoqqilha konferma; u (ii) ma tirrigwarda l-ebda punt ta' dritt b' dan illi l-ebda punt ta' liġi ma jista' jifforma l-mertu tal-appell odjern kif irid il-Kap. 452.

**Konsiderazzjoni Preliminari.**

6. Mill-att jirriżulta li s-soċjetà bin-numru tar-reġistrazzjoni C-51409 ġiet oriġinarjament reġistrata fl-14 ta' Diċembru 2010 bl-isem BetUniq Limited.[19] Fis-17 ta' Awissu 2011 bidlet isimha għal EnetSport Limited[20] u fit-18 ta' Settembru 2012 reġa' nbidel isimha għal UNIQ Group Limited.[21]

[19] Fol. 181.
[20] Fol. 182.
[21] Fol. 183.

7. Minkejja dawn ir-riżultanzi, ma saritx id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawża.

8. Peress li a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna jew tippermetti, f' kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull kull żball fl-isem tal-partijiet, **il-Qorti qegħda għal kull buon fini tordna li l-okkju jirrifletti din il-bidla fl-isem tal-appellata u għaldaqstant l-isem '*Enetsport Limited C 51409*' għandu jaqra minflok '*UNIQ Group Limited*'.**

**Konsiderazzjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari u l-meritu tal-appell.**

9. Din il-Qort sejra qabel xejn tikkunsidra l-eċċezzjoni tal-appellata li t-Tribunal Industrijali ma ddeċidiex punt ta' dritt. L-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li:

> *'Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq **punt ta' liġi** ...'.*

10. Fil-kawża fl-ismijiet ***Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited***[22] din il-Qorti tenniet illi:

> *'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*
>
> *i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;*
> *ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'*

11. Hekk kif deċiż fil-każ ***Mifsud Nathania Vs Sterling Jewellers***, deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2016:

> ***' ... Filwaqt li kif ingħad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-ċirkostanzi partikolari tal-kaz.'***

12. F' dan il-kuntest l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li:

> *'jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi. **Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza***

[22] Deċiża fit-28 ta' April, 2017.

> ***impunjata*** *għax, ..., l-Att dwar l-Impjegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jgħidux.* ***Hu sufficjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta*** *...*[23]

13. Dwar l-ewwel aggravju, il-qorti m'għandhiex dubju li hu punt ta' dritt. L-argument tal-appellant hu li t-Tribunal iddikjara li *"mhux ser jidħol fil-mof kif tkeċċa għalkemm tħalli ħafna xi tgħid"*. L-appellant isostni li ladarba ma ġietx segwita l-proċedura ta' dixxiplina stabbilita, it-tkeċċija ma kinitx for a *just and sufficient cause*. Hu punt ta' dritt jekk it-Tribunal Industrijali kellux jiddikjara tkeċċija inġusta mill-fatt waħdu li l-prinċipal ma segwiex il-proċedura ta' dixxiplina.

14. Dwar it-tieni aggravju, kull ma qal l-appellant fir-rikors tal-appell hi dikjarazzjoni xotta li t-Tribunal Industrijali naqas milli jqies il-provi ċari li ressaq u li jikkonfermaw it-teżi li l-azzjonijiet tiegħu ma jwasslu għall-ebda dannu jew telf ta' xogħol lill-appellata. Aggravju li fih ma saritx riferenza għall-provi. Dan m'huwiex il-mod kif appellant kellu jressaq 'il quddiem l-aggravju tiegħu. L-appellant kellu dmir li jsemmi l-provi li kien qiegħed jirreferi għalihom u mhux jippretendi li din il-qorti toqgħod tfittex f'iktar minn 250 faċċata biex forsi ssib x'kellu f'moħħu l-appellant. Dan iktar u iktar meta appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hi biss fuq punt ta' dritt.

15. L-**ewwel aggravju** tal-appellat huwa li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija lloġika għaliex għalkemm irrikonoxxiet li '*hemm ħafna xi tgħid*' dwar il-mod kif tkeċċa l-appellant naqset milli tidħol fil-mertu ta' dan l-aspett tal-ilment tiegħu. Jikkontendi li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana relatata mal-liġi tal-impieg u r-relazzjonijiet industrijali, kemm fit-Tribunal Industrijali kif ukoll fil-Qrati Superjuri, illi biex tkeċċija tkun ġusta u sufficjenti skont il-liġi din trid tkun saret b'mod illi jipprova *'fair trial'* lill-impjegat.

16. Dwar il-proċedura ta' dixxiplina, f'***Selwyn's Law of Employment*** jingħad:

> '*During the performance of the employement contract the employer may find it necessary, through the appropriate manager, foreman, or supervisor who is charged with the necessary responsibility, to exercise some form of disciplinary authority over the employee. This may take one of a number of forms, ranging from counselling, informal warnings, etc, through to final warning or dismissal. The prime objective must be corrective, not punishment. Discipliánary*

[23] ***Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd,*** *Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006*

*procedures and powers must be exercised in a manner that will enable the employee to retain his position as a valid member of the staff, and not used purely as a matter of form of mechanical exercise. Thus the adhereance to a well-drafted disciplinary procedure is an essential part of any decision making process.'*[24]

17. Il-'*codice disciplinare'* tal-appellata, li kien ġie ċċirkolat lill-impjegati permezz ta' *email* datata 19 t' April 2012,[25] jiddistingwi bejn każijiet ta' '*violazioni lievi'* u '*violazioni gravi.'* Iżda fiż-żewġ każijiet jipprevedi li qabel xejn l-impjegat jiġi mitlub jagħti spjegazzjoni/dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-vjolazzjoni imputata lilu. F'każ ta' '*violazioni lievi'* huma prevvisti numru ta' *warnings*. F'każ ta' vjolazzjoni gravi:

> '*A seguito di un attento esame dei dati risultanti dalla dichiarazione e successivamente alla indagine effetuata, l'Amministratore o il responsabile di settore che ne ha avuto conoscenza potra decidere se deve essere formalizzato un addebito nei suoi confronti. Se verrà emesso, il-caso sara' ascoltato dal Manager o dalla Commissione riunita, che se riterra' opportuno, e il dipendente potrà essere assistito sa altro dipendente.*
>
> *Se la Commissione di disciplina considererà il dipendente colpevole dell'addebito, il Manager, potrà a sua completa discrezione sospendere il dipendente dando met del salario per un tempo determinato, trattenendo l'incremento per un tempo determinato o indeterminato ; o potrà far scendere di grado o licenziare il dipendente senza preavviso e/o risarcimento.'*[26]

18. Huwa inkontestat li l-prinċipal ma segwiex il-proċedura. Mario Gennaro xehed illi huwa kien ordna l-liċenzjament tal-appellant meta, wara li nduna li ċertu *live bets* ma kinux jidhru fuq is-sit tal-kumpannija, ċempel lil Giuseppe Sergi li kien infurmah li l-proċedura kienet ġiet spjegata sew lill-appellat li kien jaf x'kellu jagħmel iżda m'għamlux. Minkejja li huwa ma kienx preżenti meta Sergi ta' l-allegati struzzjonijiet lill-appellant, Gennaro qagħad fuq il-kelma ta' Sergi. Fix-xhieda tiegħu Mario Gennaro ikkonferma li ma kienx kellem lill-appellant qabel iddeċieda li jkeċċieh mix-xogħol u ma taħ l-ebda *warning* jew preavviż ieħor.

19. Mario Gennaro jargumenta iżda li l-uniku skużanti li kien tah l-appellant meta kien daħal fl-uffiċju tiegħu *ex post facto* biex ikellmu kienet biss illi kien nesa, liema skuża ma kinitx aċċettabbli u għalhekk l-fatt li l-appellant ma ngħatax smiegħ qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni tal-liċenzjament tiegħu ma jagħmilx differenza għaliex huwa kien f' kull każ se jasal għall-istess deċiżjoni.

---

[24] ***Selwyn's Law of Employment,*** Astra Emir, 20th ed., paġna 336.
[25] Fol. 131.
[26] Fol. 124.

20. Skont il-ġurisprudenza Ingliża, dan ir-raġunament mhuwiex aċċettabbli:

> '*In British Labour Pump Co Ltd v Bryne*[27] *it was held that where there was a procedural irregularity in an otherwise fair dismissal, eg a failure to consult in a redundancy situation, but it was shown that carrying out the proper procedure would have made no difference, then a consequent dismissal was nontheless fair. This 'it makes no difference rule' was overturned in Polkey v AE Dayton Services Ltd*[28]*, except in those circumstances where the employer can show that carrying out a proper procedure would have been utterly usless or futile. Thus if an employee is caught literally or metaphorically with his hands in the till, it is perfectly possible for a dismissal to be unfair (eg, because the correct procedure has not been followed) but for nil compensation to be awarded on the ground that the employee contributed totally towards his dismissal (Kristapaitis v Thistle Seafood Ltd*[29]*)'*[30]

21. Irrispettivament ġietx segwita l-proċedura ta' dixxiplina, il-qorti tagħmel riferenza għal dawn il-fatti:

- fis-26 ta' Awissu 2012 ingħatat l-ordni li '*per quanto riguarda l'importazione delle partite live ci pensa Mario,* ***voi non toccate nulla!!! L'unica cosa che dovete fare é il montaggio dei tempi di elaborazione ed in caso di zona rossa intervenite***';
- hu minnu li mbagħad l-ordni l-ġdida ingħatat bil-fomm u permezz ta' *post it*. Il-qorti taċċetta li bħal kull dokument, jista' jintilef;
- minkejja l-ordni l-ġdida l-attur kompla jsegwi l-aħħar struzzjonijiet li kien ingħata permezz tal-*email* tas-26 ta' Awissu 2012.

22. L-appellant qal:

> *"Illi pero, kif xehed ir-rikorrenti, li ġara kien li, wara li ħadem is-sigħat ta' xogħol li kellu jaħdem ir-rikorrent ma tellax hu l-logħob fuq is-sit, mhux apposta u mhux għax injora lis-superjuri tiegħu u mhux għax inkapaċi – iżda* ***biss għaliex il-messaġġ ma kienx ċar u l-post-it kien waqa' mal-art u għalhekk ir-rikorrent ħariġlu minn moħħu li kellu jtellagħhom****"*.[31]

23. M'hemmx prova li l-ordni li ngħatat ma kinitx ċara. F'kull każ ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jitlob kjarifika.

---

[27] [1979] ICR 347, [1979] IRLR 94, EAT.
[28] [1987] UKHL 8.
[29] UKEATS/0033/09.
[30] ***Selwyn's Law of Employment,*** Astra Emir, 20th ed., pg 451.
[31] Nota ta' sottomissjonjiet tal-appellant.

24. Jekk kif qal l-appellant kien nesa, jindika nuqqas ta’ serjeta’ fil-mod kif kien qiegħed jagħmel xogħolu. Ordni bħal dik m’hijiex xi ħaġa li wieħed għandu jinsa. Il-kumpannija tiddependi mill-qliegħ li tagħmel mill-*betting* fuq avvenimenti sportivi, u n-nuqqas tal-appellant kien relatat ma’ dak il-logħob. Dan apparti li l-qorti fehmet li l-appellant kellu kariga ta’ responsabbilta mal-kumpannija appellata u mħallas ferm tajjeb u għalhekk il-prinċipal kellu dritt jippretendi li ma jkunx hemm dik it-tip ta’ traskuraġni.

25. L-appellant stess xehed li għalkemm kien waħdu waqt is-*shift*, kieku ried seta’ ċempel lil ħaddieħor sabiex jikkonferma l-ordni li kienet ingħatat. Inoltre, l-appellant seta’ faċilment niżżel notament tal-ordni l-ġdida li kien ingħata. Ma jreġix l-argument tal-appellant li ma tellax l-events, *"... għaliex ma kienx notifikat sew bit-tibdil meta suppost it-tibdiliet fil-proċedura tal-kumpannija jsiru bil-miktub permezz ta’ emails"*. L-appellant kien jaf li kien hemm tibdil, iżda qal li nesa. L-ordni ma kinitx xi ħaġa li kellu jinsa, apparti li m’hemmx mezz biex wieħed ikun jaf li kieku l-ordni ntbagħatet b’email ma kienx xorta ser jinsa jwettaqha. Ordni li kienet importanti, għaliex wara kollox l-appellata tagħmel il-qliegħ minn avvenimenti ta’ sports li jkunu tpoġġew *on line*.

26. Lanqas ma jista’ jgħinu l-argument li n-nuqqas tiegħu ma wassal għall-ebda dannu jew telf ta’ xogħol għas-soċjetà appellata (ara **tieni aggravju)**. Fl-aħħar mill-aħħar jekk l-appellata ma ġarrbitx telf kien minħabba l-intervent f’waqtu ta’ Mario Gennaro li għamel ix-xogħol li suppost sar mill-appellant. Mingħajr dak l-intervent, l-appellata kienet tagħmel telf ta’ qliegħ proprju minħabba n-nuqqas tal-appellant.

27. Għaldaqstant, irrispettivament mill-fatt li f’dan il-każ ma ġietx segwita l-proċedura ta’ dixxiplina, l-appellant ma kienx jimmerita kumpens għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.